**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 121**

It-Tnejn, 15 ta' Mejju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.05 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi u l-Onor. Omar Farrugia kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu imsiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Charles Azzopardi u l-Onor. Abigail Camilleri kienu skużati.

L-Onor. Ivan J. Bartolo kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 120 li saret fl-10 ta' Mejju 2023 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1750 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *An audit of matters relating to the concession awarded to Vitals Global Healthcare by Government Part 3 | Steward Health Care assumes control of the concession* datat Mejju 2023 flimkien ma' verżjoni abridged tal-istess rapport;

P.L. 1751 Rapport maħruġ mill-Fakultà għall-Benesseri Soċjali fi ħdan l-Università ta' Malta u l-Parlament ta' Malta bl-isem *Persons with Autism and Persons with ADHD: The need to understand and improve services for families in Malta*, flimkien ma' verżjoni abridged tal-istess rapport;

P.L. 1752 Opinjoni Finali li s-Sedja rċeviet mill-Ombudsman dwar il-Każ CEDUC-22-2982 datat 2 ta' Frar 2023, mibgħuta lis-Sedja ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman; u

P.L. 1753 Rapport minn Dr Noel Buttigieg Scicluna u Dr Francis Agius dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Laqgħa tal-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Eks Membri Parlamentari tal-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa li nżammet ġewwa Oslo, in-Norveġja, fil-5 ta' Mejju 2023.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 7885 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1754 Avviż Legali Nru 105 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Kumitat Nazzjonali dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi; u

P.L. 1755 Avviż Legali Nru 106 tal-2023 − Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Raba′ Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1756 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 8223 dwar twaħħil ta' struttura temporanja (scaffolding) mal-faċċata tal-binja tal-ARMS Ltd fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat Għawdex li ngħatat fis-seduta 114 tal-25 ta' April 2023.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1757 Tabella li turi n-numru ta' impjegati ġodda fl-awtoritajiet u entitajiet fid-dekasteru li għalih hu reponsabbli l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8584; u

P.L. 1758 Tabella li turi n-numru ta' donazzjonijiet li ngħataw sal-10 ta' Mejju 2023 lil organizzazzjonijiet minn persuni li akkwistaw iċ-Ċittadinanza Maltija taħt id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Sussidjarja 188.06, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8623.

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1759 Tabella li turi tagħrif dwar inċentivi li ngħataw taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry maqsuma skont il-benefiċjarji, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8606.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1760 Informazzjoni dwar it-tunnellati ta' skart miġbur maqsum skont ir-reġjun maqsum xahar b'xahar bejn Jannar u Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8615.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1761 Tabella li turi n-numru ta' impjegati ġodda fl-awtoritajiet u entitajiet fid-dekasteru li għalih hu reponsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8504;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1762 Contact Details għal kull Kunsill Reġjonali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8612;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1763 Tabella li turi n-numru ta' impjegati ġodda fl-awtoritajiet u entitajiet fid-dekasteru li għalih hu reponsabbli l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8608; u

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1764 Informazzjoni dwar tenders li ħarġet l-Awtorità tal-Artijiet għall-bejgħ ta' proprjetà tal-Gvern f'San Pawl il-Baħar fil-perjodu bejn Awwissu 2019 u Mejju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8513; u

P.L. 1765 Informazzjoni dwar għoti ta' encroachment areas u mwejjed u siġġijiet li l-Awtorità tal-Artijiet tat f'San Ġiljan u Tas-Sliema bejn Jannar 2020 u Mejju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8568.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1766 Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta, il-General Workers Union u l-UĦM – Voice of the Workers għall-impjegati li jaqgħu fil-Health Care Class u li huma impjegati mas-Servizz Pubbliku ffirmat fl-24 ta' Awwissu 2018, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8586.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici ssostitwixxiet lill-Onor. Karol Aquilina, u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li kienet se tinżamm it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2023, l-Onor. Naomi Cachia se tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. Alex Muscat.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kamra li wara li l-Ispeaker kien qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *An audit of matters relating to the concession awarded to Vitals Global Healthcare by Government Part 3 | Steward Health Care assumes control of the concession*, in-naħa tal-Gvern kienet qed tipproponi li d-diskussjoni fuq l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-

Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li kienet tidher fuq l-Aġenda ta' dakinhar tkun posposta u minflok il-Kamra tiddiskutti dan ir-rapport.

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kamra li n-naħa tal-Oppożizzjoni kienet qed tipproponi li *in vista* tal-volum tar-rapport, id-diskussjoni għandha ssir fis-seduti ta' nhar it-Tlieta u l-Erbgħa 16 u 17 ta' Mejju 2023.

Peress li ma ntlaħaqx qbil il-Kamra għaddiet għall-ewwel item tal-Aġenda.

## 138. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2023

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-introduzzjoni u l-għeluq mill-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Bernard Grech.

Meta l-Ispeaker, għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed f'seduta li tiġi stabbilita skont il-mozzjoni ta' proċedura numru 87.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.08 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda.

**<u>Mozzjonijiet</u>**

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet | |

| | |
|---|---|
| ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni | Tielet Qari |
| Estimi ta’ Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta’ Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Justin Schembri, l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Graziella Attard Previ.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Justin Schembri qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1767 24 ritratt li juru nuqqas ta' manutenzjoni fil-lokalità ta' Birkirkara.

Fis-7.39 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**